MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 237/2012

**K B**

**vs**

**M B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Huwa zzewweg lil M B fit-23 ta’ Mejju 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, C li twieldet fl-24 ta’ Lulju 2001;
2. Il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fit-22 ta’ Lulju 2010 li kopja tieghu qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok KB 1;
3. Madankollu minhabba bidliet fil-bzonnijiet tat-tifla, wara li hija stess bdiet turi x-xewqa ta’ hinijiet ta’ access differenti minn dawk miftehma fil-kuntratt ta’ separazzjoni (ai termini ta’ klawzola 6 tal-kuntratt), fit-30 ta’ Settembru 2011 ir-rikorrenti rega fetah proceduri ta’ medjazzjoni (Medjazzjoni Nru 1212/11) sabiex jigu diskussi hinijiet ta’ access differenti minn dawk miftehma fil-kuntratt;
4. Wara li l-Qorti semghet lit-tifla u lill-partijiet, gie degretat illi l-access jinbidel biex b’hekk it-tifla issa qed tqatta’ l-istess ammont ta’ hinijiet mal-omm u mal-missier ghax qed tkun gimgha mal-omm u gimgha mal-missier. Kopja ta’ dan id-digriet hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. KB2;
5. Skont il-kuntratt ta’ separazzjoni (ai termini ta’ klawzola 7 tal-kuntratt) ir-rikorrenti obbligat jghaddi lill-intimata ghall-minuri, retta alimentarja fis-somma ta’ mitt euro fix-xahar. Oltre dan il-manteniment, kull parti thallas nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-istess minuri;
6. Minhabba l-bidla fil-hinijiet tal-access tat-tifla fejn it-tifla issa qed tqatta’ ezatt l-istess ammont ta’ sighat mal-omm u mal-missier, il-manteniment ta’ mitt euro fix-xahar ma ghadux jaghmel sens fid-dawl tal-fatt li kien hemm din il-bidla fic-cirkostanzi. It-tifla ghandha kollox ghand il-missier; il-kamra taghha, gwardarobba taghha, *laptop, cosmetics,* hwejjeg, *underwear,* biex hija qatt ma jkollha ggorr xejn minn ghand ommha ghal ghand missierha. Il-missier jaghmel l-istess spejjez ta’ kuljum bhal ma huma ikel, dawl, ilma, internet, hwejjeg etc bhal ma taghmel l-omm u xejn inqas;
7. Din il-bidla fic-cirkostanzi flimkien mal-fatt illi l-intimata omm issa ghandha paga oghla minn tal-missier timmerita illi l-klawzola tal-manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni tigi emendata biex tirrifletti dawn il-bidliet godda fis-sens illi filwaqt li l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha ghandhom jibqghu jinqasmu bejn il-partijiet, il-manteniment ta’ mitt euro fix-xahar ghandu jieqaf.
8. Ir-rikorrenti ghamel rikors f’dan is-sens fl-atti tal-medjazzjoni u din l-Onorabbli Qorti b’digriet tal-4 ta’ Ottubru 2012 (kopja hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. KB3) ghalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b’kawza u ghalhekk qed jigi pprezentat dan ir-rikors guramentat.

Talab ,li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tawtorizza lir-rikorrenti jieqaf ihallas manteniment ta' mitt euro fix-xahar ghat-tifla minuri ladarba kien hemm bdil fic-cirkostanzi wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti;
2. Tordna l-bidliet kollha necessarji fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti sabiex jirrifletti dawn it-talbiet;
3. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippublika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt sudett li fih jinkorpora l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att u tiddetermina data, hin u post meta l-istess att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ghandu jigi debitament ippublikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija mharrka minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-azzjoni hija nsostenibbli peress illi l-attur ma giex awtorizzat jistitwixxi dawn il-proceduri bil-mod mahsub fl-Avviz Legali 396 tal-2003, illi jikkontempla *inter alia* l-ghoti ta' tali awtorizazzjoni wara gheluq medjazzjoni mandatorja intiza sabiex il-konjugi jfittxu ftehim minghajr ma jinvolvu l-attenzjoni tal-Gudikant u l-hin tal-Qrati.
2. Illi r-retta alimentarja illi taghha qeghda tigi mitluba r-reduzzjoni mill-attur giet stabbilita' f'kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat bejn il-kontendenti sentejn u nofs ilu. Fil-kuntratt taghhom ma gie maqbul ebda rivizjoni tal-manteniment. Anzi gie maqbul (Artikolu 16) illi dak miftiehem ma jinbidilx <u>ukoll</u> f'kaz tal-hall jew

annullament taz-zwieg. Skond il-ligi u l-gurisprudenza, l-intitolament ta’ parti illi titlob ir-rivizjoni gudizzjarju ta’ pattijiet konvenzjonali ta’ manteniment jezisti biss fic-cirkostanzi fejn il-hlas tal-manteniment huwa oggettivament impossibbli ghall-attur. L-allegazzjonijiet illi fuqhom huma imsejsa l-azzjoni odjerna, anka kieku kienu minnhom – li m’humiex – ma jammontawx ghal impossibilita` oggettiva, izda biss ghal diffikoltajiet transitorji.

3. Illi l-esponenti tirrileva illi assolutament m’hemm l-ebda lok ghat-tnaqqis tal-kontribut tar-rikorrent lejn il-manteniment tal-minuri billi l-ammont ta’ mitt ewro fix-xahar qatt ma kien u sa issa m’huwiex bizzejjed sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez odjerni tat-tifla minuri ghal xahar shih.
4. Illi minn dawn il-mitt ewro iridu jithallsu mhux biss spejjes ordinarji, izda jridu jigu mhallsa spejjez straordinarji li huma avveniment regolari. Dawn l-ispejjez straordinarji huma fil-maggior parti taghhom relatati mal-iskola u jinkludu u jinkludu *stationery, print-outs, magazines* tal-iskola, spejjez tal-ghalliema u hargiet tal-iskola fost ohrajn illi minghajrhom it-tifla tista’ tibqa lura u tbati akkademikament.
5. Illi apparti dawn l-ispejjez relatati mal-iskola jezistu ukoll spejjez ohra li huwa esklussivament mgarrba mill-omm bhal m’huma spejjes tal-*beautician* u tal-*hairdresser* fost ohrajn.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra ;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Ottubru 2013 li permezz taghha iddecidiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta billi cahditha, a spejjez tal-istess intimata;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tawtorizza lir-rikorrent jieqaf ihallas il-manteniment ghal bintu minuri abbazi ta' bdil ta' cirkustanzi minn meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom (datat it-22 ta' Lulju 2010) u konsegwentement tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet.

Min-naha taghha l-intimata topponi ghat-talba hekk kif proposta abbazi tal-fatt li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ftit taz-zmien ilu u li fuq kollox m'hemm ebda bdil ta' cirkustanzi sabiex jimmeritaw bdil fil-kuntratt apparti l-fatt li hija biss l-intimata li qed tinkorri l-ispejjez ghall-minuri.

**Il-Provi Migbura**

Illi il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni msemmi u esebit in atti[1] u li jidher li wassal ghall-proceduri odjerni. L-imsemmi kuntratt jghid (ara klawsola numru 7) li r-rikorrent ghandu jhallas is-somma ta' Euro100 fix-xahar bhala manteniment ghal bintu, liema manteniment ghandu jithallas direttament mill-paga tal-istess rikorrent. *In oltre* ghal dan il-manteniment, ir-rikorrent obbliga ruhu li jhallas ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri inkluz ghal-lezzjonijiet privati, uniformijiet, kotba, zraben, spejjez extra-kurrikulari u spejjez ohra ghall-minuri.

[1] Ara a fol 6 tal-process

Anness mar-rikors promotur, ir-rikorrent jipprezenta kopja legali ta' rikors datat l-20 ta' Dicembru 2011 u li permezz tieghu ir-rikorrent talab li l-minuri tinstema minn Dr. Charles Azzopardi kif ukoll li jkun hemm bdil fl-access hekk kif stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom. Fil-fatt, l-access gie mibdul kif inhu evidenzjat mid-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Marzu 2012[2].

Peter Gatt bhala *Corporate Services Manager* ta' APS Bank[3] jixhed li r-rikorrent kellu dhul baziku ta' €25,567 apparti *allowance* ta' €2222, l-*overtime* li ghas-sena 2013 kien fl-ammont ta' €493 u l-*performance bonus* ta' €1235. Ix-xhud jiikonferma li fis-sena precedenti, s-sitwazzjoni kienet 'more or less' l-istess.

Christine Gambin, *Corporate Services Manager* ta' APS Bank[4] tixhed li l-intimata ghandha introjtu gross ta' €35,181.48 li naturalment wiehed irid inaqqas minnu t-taxxa u l-kotribuzzjonijet tas-sigurta' socjali.

Permezz tal-affidavit tieghu[5] ir-rikorrent jispjega li huwa obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' Euro100 kull xahar *oltre* nofs l-ispejjez relatati mal-minuri. Jghid li fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni gew miftiehma l-hinijiet ta' access izda wara li l-minuri wriet ix-xewqa ghal tibdil, intavola rikors ghal bdil fl-access, liema rikors gie milqugh fl-14 ta' Marzu 2012. Jghid li minhabba l-bdil fl-access, il-minuri qed tqatta' l-istess ammont ta' sieghat ma' kull genitur u konsegwentement qed jinkorru l-istess spejjez ghall-minuri. Huwa f'dan l-isfond li qed jitlob li l-manteniment ta' 100 fix-xahar jieqaf b'dan li l-partijiet jibqghu jaqsmu l-ispejjez relattivi ghall-istess minuri b'mod ugwali bejniethom. Jaghti spjegazzjoni dettaljata ta' x'jithallas minnu u jaghlaq billi jghid li tali manteniment mhux qed jintefaq mill-intimata ghall-minuri u jixtieq li dan l-ammont jintuza b'mod matur aktar b'dan li jkun jista' jinvesti ghall-bzonnijiet akbar tat-tifla. Annessi mal-affidavit tieghu, ir-rikorrenti jipprezenta wkoll numru ta' ricevuti

[2] Ara a fol 21 tal-process
[3] Ara x-xhieda tieghu datata t-22 ta' Jannar 2014 esebita a fol 103 tal-process
[4] Ara x-xhieda taghha datata t-22 ta' Jannar 2014 esebita a fol 105 tal-process
[5] Esebit a fol 108 tal-process

relattivi ghall-ispejjez li huwa jinkorri ghall-minuri. Fix-xiehda tieghu datata l-4 ta' Marzu 2014 jghid li l-*loan* li ghandu hija bazata fuq rata ta' 1% b'dan li jhallas is-somma ta' Euro449 fix-xahar u jhallas *loan* fuq il-vettura ta' Euro36.

Pauline B, n-nanna paterna tal-minuri, tixhed bil-procedura tal-affidavit[6] u tikkonferma li r-rikorrent binha jaghti l-ikel lil bintu u daru hija attrezzata b'kollox. Jiehu hsieb lill-minuri f'dak kollu li jkollha bzonn inkluz *laptop* biex tkun tista' taghmel il-*homework* jew xi progetti tal-iskola. Tghid ukoll li jekk il-minuri tiehu xi hbieb id-dar, missierha jipprepara l-ikel ghalihom ukoll. Fix-xiehda tieghu *viva-voce*[7] l-attur jghid li problemi dwar l-ispejjez tal-minuri qatt ma kien hemm ghaliex dejjem inqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Il-kwistjoni kollha ddur fuq l-ammont ta' Euro100 fix-xahar li huwa jsostni li m'ghandux ihallas abbazi tal-fatt li issa l-minuri tqatta' l-istess hin ma' kull genitur.

L-intimata tixhed *viva-voce*[8] u tipprezenta *pay-slip*[9] li permezz taghha turi li l-introjtu nett taghha huwa dak ta' Euro2240. Izzid tghid li apparti l-paga tieghu, ir-rikorrent jinghata wkoll *allowances* minhabba s-safar li jkollu fuq ix-xoghol. Tiddikjara wkoll li ghandha *loan* personali b'dan li l-persentagg u r-rata tal-interessi li thallas fuqha m'hijiex imnaqqsa kif inhi dik tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jipprezenta wkoll nota[10] li permezz taghha juri li l-*payslip* u allura l-introjtu relattiv tieghu ghal xahar huwa dak ta' Euro1726.91[11].

Ghal finijiet ta' kjarezza u kompetezza l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza preliminari taghha tad-29 ta' Ottubru 2013 fejn giet deciza l-ewwel eccezzjoni tal-intimata ta' natura legali.

---

[6] Esebit a fol 228 tal-process
[7] Ara x-xhieda tieghu datata t-22 ta' Jannar 2014 esebita a fol 230 tal-process
[8] Ara x-xhieda taghha datata l-4 ta' Marzu 2014 esebita a fol 247 tal-process
[9] Ara Dok. XL esebit a fol 251 tal-process
[10] Ara a fol 255 tal-process
[11] Ara a fol 256 tal-process

**Kunsiderazzjonijiet fuq il-Mertu**

Ir-rikorrent jikkontendi li c-cirkustanzi tieghu wara li gie ffirmat u ppublikat il-kuntratt ta’ separazzjoni nbidlu b’dan li l-minuri tqatta’ l-istess hin ma’ kull genitur u huwa ghalhekk li jikkontendi li ghandu jigi awtorizzat iwaqqaf is-somma ta’ €100 manteniment.

Jidher car li l-mertu tal-kawza jdur fuq tliet binarji u cioe’ l-allegat bdil ta’ cirkustanzi u li fuqhom ir-rikorrent qieghed jipprova jiggustifika t-talba tieghu, l-principju ta’ *pacta sunt servanda* applikabbli wara li l-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet gie ffirmat u ppublikat u l-interessi supremi tal-minuri li ghalihom huwa l-manteniment in kwistjoni.

Dwar it-tibdil fic-cirkustanzi tar-rikorrent, il-Qorti tirrileva li jirrizulta minghajr ebda dubju li wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni l-access inbidel. Irid jinghad pero’ li hekk kif jirrizulta mill-istess digriet li permezz tieghu gie modifikat l-access, dan sar principalment minhabba l-interessi supremi tal-minuri u mhux fuq kwistjonijiet li huma relatati mal-manteniment jew mal-introjtu tal-partijiet.

Ghal finijiet ta’ kompletezza jrid jinghad li mill-provi rrizulta li z-zewg partijiet ghandhom introjtu tajjeb b’dan li l-minuri qed tigi mantnuta tajjeb u ma jonqosha xejn miz-zewg genituri, izda l-kwistjoni kollha ddur fuq il-mistoqsija, ghandu r-rikorrent (anke abbazi tal-kuntratt ta’ separazzjoni) jkun intitolat li jhallas biss nofs l-ispejjez relattivi ghall-minuri minghajr ma jhallas is-somma fissa ta’ €100 li hu obbliga ruhu li jhallas fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni?

F’dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* msemmi aktar ‘il fuq u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid hekk:

“(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta’ liġi għal dawk li jkunu għamluhom***.

(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***”.

*Ai termini* tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta’ Mejju 2002 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li “***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***”;

- **Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta’ Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li “***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta’ ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***”;

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta’ Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u

- **Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta’ Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

Il-Qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati u dan ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet huwa car u ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar kif ghandu jigi interpretat.

Dwar il-kwistjoni tal-manteniment u l-ahjar interessi tal-istess minuri li ghalihom wara kollox huwa l-manteniment mertu tal-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[12]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[13]fejn saret referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

[12]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[13] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

u ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-genituri huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet.
Certament li l-obbligi mnissla miz-zwieg (ghalkemm illum il-gurnata l-partijiet huma legalment separati), isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess, dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri. Kif inghad aktar ‘il fuq, iz-zewg partijiet m’ghandhom ebda problema finanzjarja sabiex imantnu lil binthom.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Huwa minnu li r-rikorrent ihallas ghall-ispejjez tal-minuri u ta’ dan jipprezenta numru ta’ dokumenti, izda dak li trid tara l-Qorti m’huwiex jekk il-minuri qed tqatta’ l-istess sieghat b’mod preciz mal-genituri bhal li kieku l-istess minuri hija xi oggett li tista’ tigi diviza ugwalment bejn il-genituri. Il-manteniment (u f’dan il-kaz l-ammont huwa minimu, anke abbazi tal-fatt li l-istess rikorrent ihallas ghal nofs l-ispejjez kollha tal-istess minuri) huwa ghall-minuri u huwa intiz sabiex

jissalvagwardja l-interessi tal-istess minuri u mhux ta’ xi wiehed mill-genituri sabiex jara li l-minuri qed tqatta’ l-istess hin li tqatta’ mal-gentitur l-iehor. Allura bl-istess argument tar-rikorrent, x’kien jigri li kieku l-minuri (ghal cirkustanzi li m’humiex taht il-kontroll taghha) ssiefer ghal gimgha u allura ma tkun ma’ hadd mill-genituri jew tkun ma tiflahx u jkollha tqatta’ gimgha jew ftit tal-granet aktar ma’ xi wiehed mill-genituri? Skont it-tezi tar-rikorrent, dawn il-fatturi allura jkunu jaghtu lok ghal bdil fil-manteniment abbazi ta’ sieghat anqas jew aktar ta’ access skond kif ikun il-kaz. Irid jigi sottolinejat li l-manteniment tal-ulied m’huwiex marbut mal-access bhal li kieku l-genitur ihallas ghal uliedu skont kemm iqatta’ hin maghhom. Il-manteniment huwa dritt tal-minuri li jibqa’ dovut bl-aktar mod assolut irrispettivament mis-sieghat ta’ access u irrispettivament jekk fattwalment jigix ezercitat l-istess dritt ta’ access. Fid-dawl ta’ dan kollu l-Qorti thoss li m’huwiex ekwu li r-rikorrent jieqaf milli jhallas il-manteniment ghal bintu u allura ghandu jimxi skond kif obbliga ruhu li jaghmel fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni u dan kemm abbazi tal-principju li m’huwiex fl-ahjar interessi tal-minuri li jieqaf tali manteniment, kif ukoll abbazi tal-principju ta’ *pacta sunt servanda*.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-*intier* taghhom u tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, hlief ghall-ewwel eccezzjoni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------